MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 317/1997/1

Louis Galea

vs

Dipartiment tas-Sahha

Illum 28 ta' Ottubru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' Gunju 1987 sa Awissu 1989, huwa sofra ingustizzja fix-xoghol tieghu dak iz-zmien bhala kok fid-Dipartiment.

Illi l-fatti fil-qosor huwa li r-rikorrent bhala kok f'Mejju 1987 kien jahdem sitta u erbghin siegha (46) fil-gimgha u

f'Gunju ta' l-istess sena, huwa gie ordnat li jahdem erbghin siegha fil-gimgha jew inkella jekk ried jibqa jahdem l-istess sieghat, huwa kellu jirrinunzja ghall-promozzjoni li kien ha qabel ta' kok.

Illi huwa ghazel li ma jirrinunzjax dik il-promozzjoni u ghalhekk b'telf finanzjarju fil-paga u allowances, huwa baqa' jahdem bhala kok b'40 siegha fil-gimgha u din is-sitwazzjoni kompliet hekk sa l-14 ta' Awissu 1989 meta rega thalla jahdem 46 siegha fil-gimgha.

Illi barra minn hekk wara li kien ilu snin twal jahdem bhala kok, huwa xorta ma giex moghti dik il-pensjoni misthoqqa peress li ma gewx inkluzi fil-pensjoni dawk l-"increments" .

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu x-xhieda murija f'dan ir-rikors u li bihom huwa se jipprova l-fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat lilu dak il-kumpens misthoqq ghat-telf ta' flus bejn Gunju 1987 u Awissu 1989 u wkoll li jinghata b'lura dawk l-incriments mishoqqa lilu fil-pensjoni meta huwa rtira mis-servizz pubbliku, u f'kaz li ghal xi raguni dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat lilu li jithallas dak il-kumpens xieraq f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi d-Dipartiment tas-Sahha rigward sighat ta' xoghol jirregola ruhu permezz ta' l-Estacode li tipprovdi taht Artikolu 3.1.1.6 illi "s-Shift workers are conditioned to a 40 hour week". L-istess artikolu jipprovdi illi haddiema jithallew jahdmu 46 siegha fil-gimgha. Dan isir meta il-bzonn jkunu jirrikjedi tali.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tar-rikors.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Illi r-rikorrent dahal jahdem mad-Diaprtiment ghal habta tal-1960 u hadem dejjem fuq sistema ta' 46 siegha fil-gimgha. Fis-7 ta' Mejju 1987 wara sejha ghall-applikazzjonijiet huwa gie promoss ghal kok, izda ma hadimx materjalment f'din il-kariga qabel 3 snin wara. Sadanittant f'Gunju 1987 l-Administration Officer f'Monte Carmeli kien sejjahlu u qallu li bhala kok kellu jahdem 40 siegha fil-gimgha izda seta' jirrinunzja ghal grad ta' kok, jirriverti ghal dak li kellu qabel u jahdem 46 siegha. Ir-rikorrent ghazel li jzomm il-grad ta' kok u ghalhekk baqa' jiehu l-increments normali bhala kok ghad li baqa' jahdem ta' fattiga. F'Awissu 1989 gew promossi nies ghal kokijiet u kulhadd inkluz ir-rikorrent bdew jahdmu shift fuq sistema ta' 46 siegha. Ir-rikorrent qed jghid li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu minhabba l-kulur politiku u qed jitlob kumpens jew hlas lura ta' l-ammonti kollha li tilef f'dawk it-3 snin illi hadem 40 siegha. Barra minn hekk, qieghed jallega wkoll illi saru xi zbalji fil-komputazzjoni tal-pensjoni. Irrizulta wkoll mill-provi illi r-rikorrent ma tilef xejn mil-pensjoni peress illi din tinhadem biss fuq is-salarju (fol 52). Ghal dak li jirrigwarda n-numru ta' sieghat ta' xoghol skond Saviour Lautier a fol 18 il-policy tad-Dipartiment kienet illi haddiema f'kuntatt dirett mal-pazjenti kellhom jahdmu 46 siegha. Dawk illi ma kienux jahdmu 40 siegha. Bhala kok ir-rikorrent ma kienx f'kuntatt dirett mal-pazjenti u ghalhekk gie ndikat lilu li kellu jahdem 40 siegha, izda skond l-istess Sur Lautier min kellu 46 siegha ma kienux se jitnehhewlu s-sighat "…. Jigifieri min kien kok u kellu 46 sieghat ma jitnehhilux…" Ir-rikorrent in kontro ezami a fol 48 jghid li l-koki l-ohra li lahqu mieghu f'Mejju 1987 ukoll tnizzlu ghal 40 siegha u wkoll wara l-promozzjoni ma hadmux ta' koki u baqghu

mal-pazjenti fejn allura suppost kellhom jahdmu 46 siegha.

Ir-rikorrent gie boarded out mis-servizz fil-21 ta' Gunju 1994.

Ikkunsidra

Qabel mat-Tribunal jghaddi biex jikkonsidra l-meritu ta' dan ir-rikors irid jiddisponi minn eccezzjoni preliminari mqajma mill-intimat permezz tan-nota tieghu a fol 23 fejn qal illi t-talba ma kinitx konformi ma l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII tal-1997 li waqqaf it-Tribunal, u ghalhekk ma kellix gurisdizzjoni jisma' l-kaz. Fil-qosor l-intimat qieghed jaghmel referenza ghal limitazzjoni ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal fejn seta' biss jikkunsidra kwistjonijiet ta' ingustizzji fl-ghoti ta':

a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u kwistjonijiet ohra kif mfissra fl-istess artikolu subinciz b, c, d u e.

Ir-risposta tar-rikorrent a fol 26 tal-process, qal li din kienet kwistjoni ta' promozzjoni peress illi gie ordnat lilu jew jaccetta promozzjoni ta' kok b'hinijiet anqas jew inkella ma jaccetta ebda tip ta' promozzjoni.

Ikkunsidra

M'hemmx dubju illi r-rikorrent kien ufficjal pubbliku f'kull sens tal-ligi meta kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha. Lanqas mhu qed jigi kontestat it-tifsira tal-Artiklu 6 tal-Att dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Ir-rikorrent qieghed jghid li dak l-Artikolu ghandu japplika ghalih peress illi saret pressjoni fuqu biex jirrinunzja ghal promozzjoni favur kondizzjonijiet ta' imjieg ahjar.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjoni moghtija mid-Dipartiment tas-Sahha fiha l-fondament taghha. Hawnhekk ma kinitx kwistjoni ta' ghazla moghtija lir-

rikorrent. Il-promozzjoni giet moghtija u accettata minnu, pero sussegwentement id-Dipartiment dehrlu li kellu jnaqqas l-ammont ta' sieghat li r-rikorrent jahdem fil-gimgha in konformi mal-grad gdid tieghu. Dan it-tnaqqis ifisser bdil ta' kundizzjonijiet ta' xoghol haga li ma tingwadrax fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ghad li r-rikorrent jista' jkollu rikors lejn il-Qrati Ordinarji, jekk jidhirlu hekk opportun, pero zgur li ma jistax jinghad illi hawnhekk it-Tribunal qed jissindika xi operat tad-Dipartiment tas-Sahha ghal dak li jirrigwarda hatra jew promozzjoni illi saret fil-konfront tar-rikorrent.

Fil-fatt meta d-Dipartiment pogga l-ghazla quddiem ir-rikorrent il-promozzjoni tieghu ma kinitx messa in dubju. Ir-rikorrent seta' jaghzel illi jew jibqa' kif kien b'numru ta' sieghat inqas jew inkella volontarjament jirrinunzja ghal promozzjoni illi kienet diga giet moghtija. Ir-rikorrent ghazel li jzomm il-promozzjoni bil-konsegwenzi li din iggib maghha. Jekk marbuta ma din il-promozzjoni kien hemm xi restrizzjonijiet allura dawn ma jinkwadrawx fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jigu sindikati. Il-hatra tieghu kienet wahda valida, kienet konformi mal-ezigenzi tas-servizz, ma kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tieghu ghax dawk kollha li lahhqu mieghu rcevew l-istess trattament (fol 48) u allura ma hemm xejn x'jigi sindikat minn dan it-Tribunal kif kompost bl-Att VIII tal-1997.

Ghalhekk it-Tribunal filwaqt illi ddikjara ruhu in kompetenti ratione materiae jastjeni milli jiehu konjuzzjoni tat-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------